IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

13 ta' Mejju 2017
40/2017

# KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAL-MADONNA TA' LOURDES, RAĦAL ĠDID

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun John Muscat bħala kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes, Raħal Ġdid.

Dun John Muscat ġie ordnat saċerdot fis-sena 2000. L-ewwel esperjenza pastorali tiegħu kienet fil-Parroċċa ta' Ħal Lija, fejn serva għal erba' snin. Hu kompla bil-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa tal-Madonna tal-Ġebla, il-Gżira.

Fl-2014 beda jservi fil-Parroċċa ta' Ħal Safi u fir-Residenza għall-anzjani San Vincenz de Paule.

Il-Parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes, Raħal Ġdid, tiġbor fiha madwar 2,300 persuna f'720 familja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**